**17 ta' Ġunju, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

A

*versus*

B

**Att dwar iż-Żwieġ - Kap. 255 - Artikolu 20 (1) u 20 (5) - Alimenti - Ritrattazzjoni - 811 (e) - Kodiċi ta' Organizzazzjoni Proċedura Ċivili**

*Meta ż-żewġ partijiet ikunu in bona fede m'għandux japplika s-subartikolu 5 ta' l-artikolu 20 jew aħjar għandhom għaż-żmien hemm stipulat japplikaw il-prinċipji normali dwar l-alimenti bejn il-miżżewġin.*

*Ir-rimedju għal ritrattazzjoni jibqa' wieħed straordinarju u l-każijiet li fihom jista' jingħata kif ikkontemplat mil-liġi għandhom jiġu*

*interpretati ristrettivament. Biex kawża ta' ritrattazzjoni fuq dan il-motiv tirnexxi, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi ħażina fis-sentenza tagħha u mhux li applikat il-liġi tajba b'mod ħażin.*

*Il-Qorti:-*

B'ċitazzjoni ppreżentata fis-26 ta' Frar, 1990 l-attur ippremetta illi kien ikkuntratta żwieġ mal-konvenuta fit-23 ta' Diċembru, 1979 u li f'dak iż-żmien il-konvenuta ma kellhiex setgħat intellettwali minħabba mard mentali, biex ikun jista' jinħoloq *il-kunsens* li huwa rekwiżit għaż-żwieġ. *Dan* il-kunsens kien għalhekk ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq x'tirrikjedi l-ħajja *miżżewġa* fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taż-żwieġ jew b'anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibbli għall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ u għalhekk talab a termini ta' l-artikolu 19 ta' l-Att XXXVIII ta' l-1975 li ż-żwieġ iċċelebrat *bejn il*-kontendenti jiġi ddikjarat *null u li* l-attur jiġi eżonerat milli b'xi mod ikun responsabbli li jħallas manteniment lill-konvenuta a tenur ta' l-artikolu 20 (5) peress li l-esponent mhux responsabbli għan-nullità taż-żwieġ;

*Il-konvenuta* għalkemm *debitament* innotifikata baqgħet kontumaċi u ma preżentatx nota ta' eċċezzjonijiet;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tat-12 ta' Frar, 1992 filwaqt li ddikjarat in-nullità taż-żwieġ ikkontrattat bejn il-kontendenti a tenur ta' l-artikolu 19 (1) (d) ta' l-Att taż-Żwieġ ma ħassitx *li fiċ-ċirkostanzi* kellha tiddikjara *lill*-esponent mhux responsabbli għan-nullità taż-żwieġ b'mod li jiġi eżonerat mill-obbligu tal-manteniment u għalhekk ċaħdet it-tieni domanda kif ikkontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni;

*Permezz* ta' nota ta' *appell* ippreżentata quddiem il-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Frar, 1993 l-attur ta avviż li kien ser jinterponi appell mill-istess sentenza;

L-esponent ippreżenta petizzjoni ta' l-appell fejn talab ir-revoka tas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Frar, 1993 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in kwantu din sabitu responsabbli għall-fatti li jwasslu għan-nullità ta' dan iż-żwieġ. L-esponent ikkontenda li mill-espożizzjoni tal-fatti filwaqt li kienet fl-obbligu morali u fid-dmir illi tinformah bl-istorja medika tagħha u tal-familja tagħha, hija għal tliet snin sħaħ ħbiet dik l-istess storja u qatt ma lissnet ebda kelma jew tat xaqq ta' dawl lill-esponent biex huwa seta' jagħmel l-indaġini tiegħu u li kien biss il-mard mentali ta' l-istess konvenuta li kien il-kaġun ta' din in-nullità u għalhekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet żbaljata meta attribwit parti mir-raġunijiet lill-aġir tiegħu;

B'sentenza mogħtija fit-8 ta' Marzu, 1995 il-Qorti ta' l-Appell filwaqt li kkonfermat in-nullità taż-żwieġ bejn il-kontendenti a tenur ta' l-artikolu 19 (1) (d), iddikjarat li l-partijiet kienu *in bona fede*. Nonostante, il-Qorti ta' l-Appell ma laqgħetx it-tieni talba ta' l-attur kif ikkontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni in kwantu kellu jingħata manteniment lill-konvenuta għall-perijodu stipulat fl-artikolu 20 (5) ta' l-Att taż-Żwieġ meħudin in konsiderazzjoni l-prinċipji normali dwar l-alimenti bejn il-miżżewġin;

L-attur jissottometti li għandu interess li jirritratta din il-kawża a tenur ta' l-artikolu 811 (e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Illi skond l-attur il-Qorti ta' l-Appell għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi billi l-Qorti ta' l-Appell iddikjarat li ma setatx teżonera lill-attur mill-obbligu li jissomministra manteniment lill-konvenuta għall-perijodu ta' ħames snin

stipulati fl-artikolu 20 (5) ta' l-Att taż-Żwieġ;

Illi f'każ ta' dikjarazzjoni ta' nullità ta' żwieġ u fejn iż-żwieġ ikun irriżulta li ġie kkuntrattat *in bona fede* miż-żewġ partijiet, il-kwistjoni konċernanti l-manteniment hija esklussivament regolata mill-artikolu 20 (1) ta' l-Att taż-Żwieġ li jiddisponi:

"Jekk żwieġ ikun iddikjarat null, l-effetti taż-żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret *res judicata* meta l-miżżewġin ikunu żżewġu *in bona fede*";

Għaldaqstant f'ċirkostanzi simili għal dawk odjerni, l-obbligu tal-manteniment għandu jibqa' jseħħ sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret *res judicata*, li fil-każ odjern kien it-8 ta' Marzu, 1995 ċjoè d-data tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell;

Illi l-obbligu ta' manteniment għall-perijodu ta' ħames snin sussegwenti għad-dikjarazzjoni ta' nullità ta' żwieġ *għandha min-natura ta' penali għal dak il-konjuġi li jkun* responsabbli għan-nullità taż-żwieġ. Fil-każ odjern tali perijodu ma għandu jsib l-ebda applikazzjoni meħud in konsiderazzjoni li l-Qorti kkonkludiet li l-esponent ma kellux responsabbilità għan-nullità taż-żwieġ li kien ikkontratta mal-konvenuta. Il-perijodu stabbilit fl-artikolu 20 (5) ta' l-Att taż-Żwieġ huwa eċċezzjoni għar-regoli ġenerali u l-applikazzjoni ta' tali perijodu għandha tkun ristretta għall-każ stipulat speċifikatament mil-liġi. Ma teżisti l-ebda disposizzjoni oħra fil-liġi li timponi dan l-obbligu f'każ simili għal dak odjern u hekk kif is-sentenza ssir *res judicata* l-prinċipji ġenerali li għalihom għamlet referenza l-Qorti ta' l-Appell ma jsibux aktar applikazzjoni;

Għaldaqstant, l-attur ritrattand talab li din il-Qorti jogħġobha prevja r-revoka jew tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-8 ta' Marzu, 1995 in kwantu din ma eżoneratx lill-esponent mill-obbligu ta' manteniment a tenur ta' l-artikolu 20 (5) ta' l-Att taż-Żwieġ tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża a tenur ta' l-artikolu 811 (e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) bl-ispejjeż kontra l-appellata;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni tat-talba għall-fini ta' ritrattazzjoni kif mitluba mill-attur ritrattand, din il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Fil-fehma espressa tar-ritrattand il-Qorti ta' l-Appell, kif diversament komposta, mnejn emanat id-deċiżjoni mogħtija kif fuq ingħad u li tagħha qiegħda tintalab li ssir ritrattazzjoni, applikat il-liġi ħażin u li kwindi a tenur ta' l-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa (i.e. l-attur) għandu interess li jirritratta l-kawża. Dan għaliex skonnd ir-ritrattand meta l-Qorti ta' l-Appell ġiet biex tiddeċidi dwar it-talba attriċi konċernanti l-manteniment tal-konvenuta u wara li ġà kienet iddikajrat u ddeċidiet fl-istess sentenza li ż-żwieġ bejn il-kontendenti kien null, hija applikat artikolu' tal-liġi minflok ieħor. Difatti, l-attur jispeċifika li minflok ma l-Qorti applikat l-artikolu 20 (1) ta' l-Att taż-Żwieġ, hija applikat l-artikolu 20 (5) ta' l-istess Att u li konsegwentement "għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi";

Illi minn eżami akkurat tas-sentenza *de quo* jidher ferm evidenti li l-Qorti ta' l-Appell qieset sew il-konsiderazzjonijiet miġjubin quddiemha mill-attur in kwantu dawn kienu msejsa fuq l-artikolu 19 u 20 ta' l-Att XXXVII ta' l-1975. Dik il-Qorti eżaminat ukoll dawn l-artikoli fid-dawl ta' l-emendi sostanzjali

li daħħlu fis-seħħ bl-Att XXIV ta' l-1981. Dik il-Qorti eżaminat imbagħad l-artikolu 5 ta' l-Att ta' l-1981 b'referenza partikolari għal dak li ġie inkorporat minflok l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali kif kien qabel u kif allura ġie emendat bid-dħul ta' diversi subartikoli. Mhux hekk biss però għax dik il-Qorti kellha l-okkażjoni li tikkummenta *inter alia* li "s-subartikolu 20 (5) meħud mas-subartikoli l-oħra huwa ferm infeliċi fid-diċitura tiegħu". Wara li tat l-interpretazzjoni tagħha ta' din il-parti tal-liġi u applikatha għall-fatt tal-każ hija deħrilha li:

"... meta ż-żewġ partijiet ikunu *in bona fede* m'għandux japplika s-subartikolu 5 jew aħjar għandhom għaż-żmien hemm stipulat japplikaw il-prinċipji normali dwar l-alimenti bejn il-miżżewġin";

Dawn il-prinċipji, kompliet din il-Qorti, ġew ukoll emendati ulterjorment permezz ta' l-Att XXI ta' l-1993 li hija kkunsidrat ukoll;

Issa l-attur ma qabilx u jidher li għadu ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni tal-liġi magħmula mill-Qorti ta' l-Appell in kwantu baqa' jirritjeni li:

"l-kwistjoni konċernanti l-manteniment hija esklussivament regolata mill-artikolu 20 (1) ta' l-Att taż-Żwieġ";

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-aggravju ta' l-attur kif minnu espost fil-petizzjoni ma jagħtix lok għal ritrattazzjoni għaliex jekk il-kwistjoni tkun dwar interpretazjoni ta' liġi - kif inhu l-każ odjern - li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni m'hemmx tali rimedju (ara ukoll fost diversi deċiżjonijiet oħrajn **Av. Dott. P.M. Valletta LL.D.** ***noe vs*** **J. Tanti** ta' l-20 ta' Mejju, 1994, Koll. Vol. LXXVIII - II - 84) u Koll. Vol.

LXXVI - II 196. Ir-rimedju għal ritrattazzjoni jibqa' wieħed straordinarju u l-każijiet li fihom jista' jingħata kif ikkontemplat speċifikatament mil-liġi għandhom jiġu interpretati ristrettivament. Il-Qrati tagħna rritenew riferibbilment għall-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 li biex kawża ta' ritratazzjoni fuq dan il-motiv tirnexxi jrid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi ħażina fis-sentenza tagħha u mhux li applikat il-liġi tajba b'mod ħażin għaliex (ara deċiżjoni Koll. Vol. XXVIII - I - 636):

*"non è ammissibile la ritrattazione per mala applicazione di legge quando la Corte, ragionando sul fatto dedotto ed interpretando quella disposizione di legge, applica o dichiara non applicabile quelle disposizioni, mentri l' istante per la ritrattazione sottomette l-inapplicabilità o la confacienza al caso della medesima disposizione di legge*";

Din il-Qorti jidhrilha għalhekk li dak li ġie sottomess mill-attur ritrattand m'għandux fondament legali;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur ritrattand għar-revoka jew tħassir tas-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet premessi mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Marzu, 1995 u fejn talab ukoll ir-ritrattazzjoni ta' l-istess deċiżjoni - u wara li ċaħdet dawn l-istess talbiet għar-revoka u ritrattazzjoni tiddeċidi ukoll li l-ispejjeż ġudizzjarji jitħallsu mill-attur ritrattand.

---